# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 12 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 14**

**Rikors numru 679/17/2 MCH**

**Helen Vella**

**v.**

**Louis Scicluna**

1. Il-konvenut appella mis-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-3 ta' Ottubru, 2018 li biha ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u laqgħet it-talba tal-attriċi, u kkundannatu jħallas is-somma ta' sbatax-il elf, erba' mija u ħamsa u sebgħin ewro (€17,475).

2. Fit-28 ta' Lulju 2017 l-attriċi fetħet il-kawża u wara li ppremettiet li kienet sellfitu dik is-somma flus, talbet lill-Qorti sabiex tikkundannah

iħallasha dik is-somma. Il-konvenut wieġeb permezz ta' tweġiba preżentata fit-18 ta' Settembru 2017 u fil-mertu, li hu rilevanti għall-finijiet tal-appell tal-konvenut, qal:

> *"2. Illi, fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, qatt ma kien hemm xi ftehim ta' 'self' bejn il-partijiet kontendenti kif qed jiġi allegat.*
>
> *Kull pagament li sar mill-esponent lill-attriċi tul perjodu ta' żmien ma sar għaliex seħħ xi self bejniethom iżda b'intendiment speċifiku li kellhom għal kollox diver minn intendiment ta' self wara li bdew jikkoabitaw fis-sena 2003".*

3. Il-motivazzjoni fis-sentenza appellata dwar il-mertu tal-kawża, hi s-segwenti:

> *"Fir-risposta tieghu l-intimat qed ighid zewg affarijiet: (i) li ma kien hemm ebda self u (ii) li hu ma ghandu jaghti xejn lir-rikorrenti ghax hu kien jaghtiha somma akbar fil- gimgha ghal hajja peress li halsitlu d-dejn li kellu mal-bank.*
>
> *Dwar l-ewwel linja ta' difiza, f'parti mix-xhieda tal-intimat, meta mistoqsi mill-Qorti:*
>
> > *Imma qatt fhimt inti li dawn is-Lm7,500 qabdet taghthomlok u ma jinteressahiexinnhom?*
> >
> > *Intimat: Jien hekk fhimt.*
> >
> > *Qorti: X'fhimt hija haga ohra.*
>
> *Jidher li l-intimat donnu qed jippretendi li r-rikorrenti qabdet u taghtu Lm7,500 li hu seta' jzomm u juza biex jaqta l-loan li kellu fuq id-dar tieghu u li hija ma kienx se jinteressaha aktar minnhom. Mill-provi prodotti pero ma jirrizultax li dan kien il-kaz u ma hemm ebda ftehim bejn ir-rikorrenti u l-intimat li hu seta jiehu dawn il-flus ghalih minghajr ma jhallasx xejn lura.*
>
> *Min-naha l-ohra l-intimat ighid ukoll li hu semmai hallas lura dan l-ammont bil-flus li hu kien jaghti lir-rikorrenti fil-gimgha.*
>
> *Ir-rikorrenti xehdet li hija, l-intimat u t-tifel taghhom kienu jghixu bhala familja, u kemm hi kif ukoll l-intimat kienu jikkontribwixxu ghall-familja. L-intimat kien jghaddilha xi flus ghall-hajja fil-gimgha u t-tnejn li huma*

*kienu jahdmu u jikkontribwixxu ghal-familja, ghalkemm kien hemm zmien meta hi kellha tieqaf biex trabbi t-tifel li kellhom. Hi tghid li kienet thallas ghal edukazzjoni, medicini, sport u attivitajiet extra kurrikulari tat-tifel. Kienet thallas ukoll ghal petrol tal-karozza. Il-flus li kien jghaddilha l-intimat ma kienux iservuha u kienet tohrog minn flusha wkoll biex jghixu. Fuq insistenza taghha l-intimat kien zied dan l-ammont ghal €80 fil-gimgha. Tghid li meta l-intimat hallas il-loan li kellu mal-bank, hu setgha jaghtiha xi haga aktar fil-gimgha biex ikunu jistghu ighixu ahjar.*

*Ir-rikorrenti tichad li dawn il-flus tal-hajja kienu intizi biex l-intimat jaqta mis-self li hija kienet ghamlitlu. Tghid li dawn il-flus bil-kemm kienu jservu ghal hajja ta' familja ta' tlieta, ahseb u ara kemm seta jaqta mis-self ta' Lm7,500. Fil-fatt mill-provi ma jirrizulta bl-ebda mod li kien sar xi ftehim, jew li r-rikorrenti kienet accettat li taqta d- dejn li kellu l-intimat maghha bil-flus li kien ighaddilha fil-gimgha ghal hajja. Kieku l- affarijiet graw kif qed ighid l-intimat, allura jigi li kienet ir-rikorrenti li qed tmantni l- familja mill-flus li hija ghaddiet lill-intimat biex ihallas il-bank u l-intimat ma jkun qed jaghti xejn bhala manteniment. Kieku r-rikorrenti ma taghtux il-flus, l-intimat ma kienx ikun f'posizzjoni li jghaddi l-manteniment.*

*Ir-rikorrent ma kinitx qed tinsisti li l-intimat ihallas lura l-flus ghax kienu f'relazzjoni u fl-istess hin kellha rasha mistrieha li anke kien halliehla parti mid-dar fit-testment tieghu. Imma meta imbaghad l-intimat beda ikecciha mid-dar hija bdiet titolbu lura l- flus li kienet selfitu imma l-intimat cahad li kellu jaghtiha xi haga. Il-Qorti hi tal-fehma illi r-rikorrenti selfitu l-flus biex ihallas id-dar u l-intimat ma jistax jippretendi imbaghad li jkecciha mid-dar minghajr ma jhallas dak li kien dovut lir-rikorrenti billi dak allegat minnu mhux sostenibbli mill-fatti prodotti kif inhu l-obbligu ta' min jallega xi haga kontra dak li jidher prima facie.*

*Illi fil-fehma tal-Qorti ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ghandha tintlaqa'"*.

4. B'rikors tal-appell preżentat fit-23 ta' Ottubru 2018 il-konvenut ilmenta li l-attriċi ma tatx prova li l-flus sellfithom lill-konvenut. Fil-fatt ma rriżultax li kellha l-ħsieb ċar li qiegħda tislef il-flus lill-konvenut u lanqas li hu kellu l-ħsieb ċar li qiegħed jissellef. Skont il-provi li tressqu, il-flus ingħataw f'xenarju li ma jippontax li l-attriċi kellha l-intenzjoni li teħodhom lura. Kompla li *semmai* ċ-ċirkostanzi tal-każ kienu jagħtu dritt lill-attriċi li tiftaħ kawża għall-arrikkiment indebitu, ukoll għaliex irriżulta li meta tat il-

flus kellha f'moħħha għanijiet għalkollox diversi minn dawk li jkollu min jislef il-flus.

5. Fit-12 ta' Novembru 2018 l-attriċi wieġbet u tat ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell. Oġġezzjonat ukoll għad-dokumenti li ġew mehmuża mar-rikors tal-appell.

**Konsiderazzjoni:**

6. Fl-ewwel lok il-konvenut m'għamel l-ebda talba formali sabiex din il-Qorti tawtorizzah jippreżenta d-dokumenti mehmuża mar-rikors tal-appell. Apparti li ma tax raġuni li tiġġustifika għalfejn ma ppreżentahomx quddiem l-Ewwel Qorti, ma weriex li għandhom xi rilevanza għall-mertu tal-kawża. Fiċ-ċirkostanzi tordna l-isfilz tal-istess dokumenti.

7. Il-partijiet kienu f'relazzjoni u wara ftit (fis-sena 2003) bdew jikkoabitaw, u fis-sena 2004 kellhom tifel. Il-provi juru li fil-11 ta' Marzu 2006 l-attriċi ttrasferiet is-somma ta' Lm7,000 permezz ta' *bank transfer* mill-kont tagħha tal-HSBC. Mhuwiex kontestat li dawk il-flus kienu trasferiti f'*Home Loan a/c* li kellu l-konvenut. Hekk ukoll fil-15 ta' Lulju 2016 kien hemm trasferiment ieħor ta' Lm500 għall-istess kont. Il-konvenut stess ikkonferma li l-attriċi kienet ittrasferiet il-flus fil-*Home Loan a/c* tiegħu (ara wkoll depożizzjoni tal-uffiċjal tal-HSBC).

8. Filwaqt li l-attriċi qalet li l-flus tathom lill-konvenut b'self peress li ried jaqta' d-dejn mal-bank sabiex ma jħallasx iktar imgħax, il-konvenut xehed:

> *"Il-ftehim kien jien kont intiha ammont ta' flus fil-ġimgħa u biex naqta' l-loan u ma jkollix interessi xi nħallas u hekk kienet ħallset il-kumplament li kien baqgħali fuq il-loan u bdejt intiha"*.

9. Spjega li kien jagħtiha flus għall-ħajja, u wara li sar it-trasferiment tal-flus, kien kompla jagħtiha xi Lm25 jew Lm30 fil-ġimgħa. Il-konvenut ikkonferma li l-flus li ta lill-attriċi ma kinux għaliha, iżda biex tonfoqhom għall-ħajja peress li kienu jgħixu flimkien. Żied li mis-sena 2015 ma setax ikompli jagħtiha flus għaliex kellu jieqaf mix-xogħol. Però baqa' jinsisti li qatt ma ftehmu li l-flus ingħataw lilu b'self, u anzi meta sar it-trasferiment fehem li ma kinitx interessata iktar fihom. Min-naħa l-oħra l-attriċi kkontestat il-verżjoni tal-konvenut.

10. L-Ewwel Qorti għamlet analiżi dettaljata tal-provi. Inoltre, l-argumenti li għamel il-konvenut fir-rikors tal-appell mhuma xejn konvinċenti. Mhuwiex kredibbli li l-flus li l-konvenut kien qiegħed jagħti lill-attriċi kull ġimgħa għall-ħajja, kienu ntiżi biex jagħmlu tajjeb għall-flus li rċieva mingħand l-attriċi. Il-konvenut stess xehed:

> *"Qorti: Għalfejn kont ittiha fil-ġimgħa jew ma nafx kull meta, biex tħallas lura dak li tagħtek ?*
>
> *Xhud: Le kont intiha fil-ġimgħa għal ħajja.*

*Qorti: Għax kont tgħixu flimkien ?*

*Xhud: Iva, u imbagħad peress li ħallset".*

11. Mela l-konvenut ammetta li kien jagħtiha l-flus għall-ħajja ta' kuljum u mhux għaliex tatu l-flus. Imbagħad prova jbenġilha billi qal *"u imbagħad peress li ħallset"*. Il-provi juru li l-flus li kien jagħtiha kienu għall-ħajja u mhux sabiex iħallas lura dak li tatu. Għalkemm xehed li wara li tatu l-flus kien beda jagħtiha iktar flus għall-ħajja, dan bir-raġun għaliex ma kellux iktar il-piż tad-dejn mal-bank, li kien jinkludi l-imgħax. Għalhekk il-mezzi finanzjarji tiegħu tjiebu.

12. Ovvjament sakemm il-partijiet baqgħu jgħixu flimkien, l-attriċi ma kellha l-ebda bżonn titlob flusha lura. Wara kollox il-partijiet kienu jgħixu flimkien u saħansitra fis-sena 2004 twieled it-tifel. Hu ovvju li l-konvenut kellu jagħti flus lill-attriċi għall-ħajja ġaladarba kienu jikkoabitaw, apparti li meta twieled it-tifel għamlet snin wieqfa mix-xogħol. Meta fis-sena 2009 reġgħet bdiet taħdem, kienet bir-*reduced hours* u spjegat kif kienet tuża s-salarju li kellha, u ċjoè għall-bżonnijiet tat-tifel u dawk tad-dar. Wara li qieset il-provi kollha li ressqu l-partijiet, x'aktarx li l-flus li kien jagħtiha l-konvenut kull ġimgħa kienu sempliċement il-kontribuzzjoni tiegħu għall-ħajja ta' kuljum u mhux ħlas lura ta' Lm7,500. Wara kollox kellu impjieg u kienu jgħixu bħala familja għal snin twal.

13. M’hemmx provi li jikkonvinċu lil din il-Qorti li x’aktarx li meta sar it-trasferiment l-attriċi ma kellhiex l-intenzjoni li xi darba tieħu flusha lura. Għalkemm diment li baqgħu jgħixu flimkien jista’ jkun li l-attriċi ma talbitx flusha lura, ma jfissirx li t-trasferiment kien att ta’ gratuwità favur il-konvenut. Wara kollox il-konvenut stess fuq domanda tal-Qorti dwar jekk l-attriċi qattx qaltlu li ma tridx flusha lura, wieġeb: *“Le qatt ma qalet hekk”*.

14. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet l-argument tal-konvenut li *semmai* l-attriċi kellha tipproponi l-azzjoni ta’ arrikkiment indebitu, hi għalkollox żbaljata.

**<u>Deċiżjoni</u>.**

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Billi tqis li l-appell hu fieragħ tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi l-ispejjeż għal darbtejn skont Art. 223(4) tal-Kap. 12.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm